NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Mejju - Ġunju 2003 Nru 132



Messaġġ minn
**Monsinjur Ġużeppi Farrugia**
Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

## ŻMINIJIET TA' FESTA...

Fiż-żminijiet ta' festa, bħalma huma dawn li ninsabu għaddejjin minnhom bħalissa, faċilment nistgħu naljenaw ruħna mill-prijoritajiet veri tagħna bħala Nsara. Dan naraħ minni stess li xi drabi tant nittieħed mill-ħsibijiet u l-impenji marbutin tal-festi ċentinarji li nħalli affarijiet oħra li huma importanti wkoll, jekk mhux importanti wisq aktar.

Għalhekk hemm bżonn niftakru fil-prijoritajiet tagħna bħala komunità Nisranija, bħala komunità Parrokkjali u bħala komunità Djoċesana.

### X'għandha tfittex kull Komunità Nisranija

Hawnhekk, b'*komunità Nisranija*, qed nifhem kull ġemgħa ta' Nsara li ssegwi ideali speċjali jew tfittex formazzjoni aktar profonda fostna, li tiltaqa' f'xi waħda mill-ħafna knejjes jew kappelli tal-Belt tagħna, li ssawwret b'xi għanijiet ta' servizz partikolari fi ħdan il-Parroċċa bħalma huma d-diversi komunitajiet reliġjużi, għaqdiet Kattoliċi jew gruppi ta' talb li għandna jżejnuna.

Il-prijoritajiet ta' dawn huma li jgħinu lill-individwi, lill-koppji u familji kif ukoll lill-kategoriji soċjali li lilhom huma indirizzati sabiex jikbru fil-fidi Nisranija, isiru membri aktar maturi tal-Knisja u jkunu ta' servizz lill-Komunità Parrokkjali li minnha jifformaw parti.

### X'inhu r-rwol tal-Komunità Parrokkjali

B'*komunità Parrokkjali* rridu nifhmu dak li tifhem il-Knisja, jiġifieri, iċ-ċellula bażilari msawwra mill-Insara kollha li jgħixu f'territorju partikolari madwar il-knisja parrokkjali u taħt il-ħarsien tar-ragħaj spiritwali magħżul mill-isqof sabiex, bħala rappreżentant tiegħu, imexxi dik il-parti tal-merħla tiegħu fdata f'idejh. Il-komunitajiet parrokkjali flimkien jifformaw din il-merħla li tagħha r-ragħaj veru huwa Kristu fil-persuna ta' l-isqof.

Il-prijoritajiet tal-Parroċċa huma dawk magħżula mill-isqof u għalina li ngħixu f'Għawdex dawn jinsabu ppreżentati lilna fid-dokumenti tas-

ikompli f'paġna 3



# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*

*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


**MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI**

06.04.03: NICOLE, bint Raymond Muscat u Rita nee' Galea
20.04.03: BRITNEY, bint Mario Camilleri u Georgine nee' Ellis
23.04.03: JOANNA, bint William Debrincat u Margot nee' Fenech

**INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ**

25.04.03: Emanuel Attard u Miriam Farrugia
25.05.03: Josef Debattista u Antoinette Aguis

**MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT**

09.04.03: Pawlu Sacco
21.04.03: Rita Sacco
28.04.03: Anton Ellis
05.05.03: Franġeska Cutajar Zahra
07.05.03: Francis Portelli

***Donozzjonijiet għar-Rivista*** Anthony Mercieca: 20 Can.$

# PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

**Mill-Ġimgħa 8 t'Awissu**
**sal-Erbgħa 13 t'Awissu 2003**
***Ħamest Ijiem Sħaħ***




*Editorjal*

# B'IMPENN U DINJITÀ

Il-festi solenni li l-Parroċċa tagħna organiżżat matul April li għadda biex jiġi mfakkar is-17-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ kellhom suċċess kbir għax ġew organiżżati b'impenn u dinjità kif kien xieraq.

Saru b'impenn għax sar ħafna xogħol mit-taqsimiet kollha tal-Parroċċa li meddew għonqhom biex kollox ikun organiżżat kif suppost. Dan deher ċar f'kull attività li saret, kemm fil-Bażilika u kemm fuq barra. Deher ċar l-impenn ta' ħafna u ħafna nies fil-fatt li f'kull mument ta' dawn il-festi kull ħadd refgħa r-responsabilità afdata f'idejh biex kollox jimxi kif suppost. Kienu festi li riedu preparazzjoni fit-tul u minn hawn inroddu ħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw sehemhom. Il-laqgħat ta' preparazzjoni li kienu ilhom għaddejjjin ix-xhur taw il-frott mixtieq.

Iżda mhux biss dehret fl-aqwa tagħha l-organiżżazjoni mpekkabbli ta' dawn il-Festi Ċentinarji, iżda deher ukoll ċar li dawn il-festi kellhom id-dinjità li kien jixirqilhom. Dinjità li dehret fis-Symposium Internazzjonali, fil-funzjonijiet fil-Bażilika u fil-konkorrenza ferm numeruża kemm tal-Komunità Parrokkjali kif ukoll ta' oħrajn li ġew apposta biex jieħdu sehem. Kienu manifestazzjonijiet li għamlu unur lill-Parroċċa tagħna, li taw tagħlim imprezzabbli dwar il-patrun tagħna u li wrew li jista' jinżamm bilanċ fil-festi tagħna li kultant jiġu kkritikati li qed isiru wisq biex ikunu saru.

Il-Festi li għamilna kienu mżewqa b'attivitajiet varji li swew biex il-komunità tagħna tkompli tikber u tissaħħaħ fil-fidi. Attivitajiet li għenu biex dan iċ-Ċentinarju Ġorġjan iservi biex nkomplu nikbru fl-imħabba tagħna lejn San Ġorġ filwaqt li jwassluna biex nersqu iktar lejn l-Imgħallem Divin tagħna.

Aħna ċerti li ser inkomplu din il-mixja ċentinarja fil-festi f'Lulju li ġej u nappellaw lil kulħadd, biex bħalma għamilna f'April, nagħtu sehemna fil-ħidma biex dawn jirnexxu u jkunu suċċess u li nkunu preżenti f'kull mement u f'kull attività li ser ikollna.

### Messaġġ ta' l-Arċipriet

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

Sinodu Djoċesan, fil-Pjan Pastorali Kwinkwennali attwali u fid-diversi Ittri Pastorali jew diskorsi li jagħmel l-Isqof matul is-sena.

Il-Komunità Parrokkjali hija msejħa biex tkun taf x'inhuma l-prijoritajiet pastorali tagħha u tfittex li tgħixhom, tikber, u tipperfezzjona ruħha fid-dawl tagħhom billi tagħti l-ewwel importanza lil dawk fosthom li huma l-aktar imnportanti u billi twettaq minnhom dawk li huma pssibbli skond ir-risorsi spiritwali, umani u materjali tagħha.

F'din il-ħidma, il-Parroċċa tiddependi ħafna mill-komunitajiet Insara li jiltaqgħu fi ħdanha. Dawn jistgħu jgħinu fil-formazzjoni tal-Parroċċa jew jistgħu ifixklu, ħaġa li aktarx tiddependi minn dawk il-persuni, membri tal-kleru jew mhumiex, li jkunu jmexxu dawn il-komunitajiet li dwarhom tkellimt aktar 'il fuq.

Il-Parroċċa wkoll għandha dmirijiet importantissimi fil-konfront tad-Djoċesi, għandha thossha parti mill-Komunità Nisranija Djoċesana u għandha mhux talli ma tfixkilx imma għandha tgħin biex jintaħqu l-għanijiet pastorali tad-Djoċesi.

### X'tistenna minna d-Djoċesi

Id-Djoċesi hija dik li teoloġikament tissejjaħ il-"Knisja Lokali". Il-Knisja "lokali" hija l-Knisja universali preżenti f'lokalità jew territorju partikolari li minnu jkun responsabbli isqof li jmexxiha f'isem Sidna Ġesù Kristu u f'komunjoni ta' mħabba u servizz ma' l-isqfijiet l-oħra mxerrdin mad-dinja u speċjalment mal-Papa. Il-Knisja lokali ġeneralemnt tissejjaħ "Djoċesi" jew "Komunità Djoċesana". Hija, appuntu, id-Djoċesi li tagħmilna parti mill-Knisja universali u lil hemm minnha, lil hemm mill-isqof li jippresediha, ma nkunux verament fergħat ħajjin tal-Knisja ta' Kristu.

Il-prijoritajiet tad-djoċesi huma dawk li Ġesù ta lill-appostli tiegħu meta tahom il-mandat missjonarju. Dan il-mandat, din ir-responsabilta' tahielhom meta, qabel it-tlugħ tiegħu fis-sema, bagħthom ixandu l-Kelma tal-ħajja u jgħammdu l-bnedmin kollha; meta, awl il-lejl qabel ma bata, qalilhom biex jiċċelebraw l-Ewkaristija f'ismu u jkunu qaddejja ta' xulxin b'tifkira tiegħu, u meta, matul il-kors kollu tal-ministeru tiegħu fuq l-art, tahom diversi impenji biex ikomplu juru l-preżenza ta' mħabba tiegħu fost il-bnedmin u jkomplu jwettqu l-ħidma tiegħu ta' salvazzjoni fid-dinja.

Dawn l-impenji, dawn l-ordnijiet huma mfissra mill-Maġisteru tal-Knisja Kattolika permezz ta' bosta dokumenti ta' tagħlim li ħarġu matul iż-żminijiet bħalma huma dawk tal-Konċilji, dokumenti pontifiċji u dikjarazzjonijiet ta' tagħlim mis-Sinodi ta' l-Isqfijiet tal-Knisja.

Hija responsabilta' ta' l-Isqof u dritt tiegħu li jwasslilna u jfissrilna dan it-tagħlim u jurina l-ħidma li jmissna nwettqu. Huwa dmir u responsabilta' tagħna li nilqgħu t-tagħlim u t-tmexxija ta' l-Isqof fil-ħidmiet tagħna. Altrimenti d-Djoċesi ma tkunx tista' tissawwar tabilħaqq u lanqas tkun tista' tilħaq b'mod effettiv l-għanijiet tagħha. Għalhekk huma importantil-imħabba u l-obbedjenza tagħna lkoll, saċerdoti u lajċi, lejn l-isqof tagħna kif ukoll il-ġenerożità fil-kollaborazzjoni pro-attiva miegħu.

### Fejn aħna

Tajjeb li kull tant nieqfu ftit, aħna li lkoll nifformaw parti minn dawn it-tliet komunitajiet inter-attivi, sabiex naraw jekk aħniex tabilħaqq membri ħajjin u utli tal-Komunità Parrokkjali li l-Mulej iridna fiha u tal-Knisja Lokali li minnha l-Parroċċa tagħmel parti. Għad fadlilna ħafna x'nitgħalmu dwar dan. Għad fadlilna irkejjen fejn hi meħtieġa l-konverżjoni. Għad fadlilna ħafna oqsma fejn hu meħtieġ li nikbru u ningħaqdu sabiex nifformaw familja ħajja.

Hija ħasra li l-komunitajiet Insara li jinsabu fir-Rabat mhux dejjem jagħtu it-testimonjanza ta' mħabba bejniethom u ta' kollaborazzjoni fi ħdan il-Parroċċi li hija mistennija minnhom u xi drabi, aktar jagħtu kontro-testimonjanza ta' indifferenza lejn xulxin.

Hija ħasra ikbar li l-ħidma pastorali fir-Rabat m'hix koordinata u forsi tingħat l-impressjoni li kulħadd interessat biss fil-ħidmiet li jorganizza hu bi skandlu kbir ta' l-Insara li qed inservu u li għandna nservu f'kollaborazzjoni ma' xulxin u flimkien. Il-konsegwenza ovvja hi li l-ħidma li nwettqu ma tkunx effettiva biżżejjed għax tonqos il-kredibilta' u min m'għandux intenzjoni retta qed japprofitta ruħu minn dan id-difett strutturali.

F'dan jiena ma rrid indawwar subgħajja lejn ħadd, u jekk nippuntah x'imkien, nippuntah lejja nnifsi waqt li nistaqsi lili nnifsi x'minix nagħmel, jew x'minix nagħmel biżżejjed, sabiex ikun hawn għaqda u kollaborazzjoni akbar fostna u bejnietna.

Dawn il-jiem ta' festa jgħaddu. Fihom nagħmlu sew li nifirħu bit-tajjeb kollu li għandna fil-waqt li ma ninsewx id-dellijiet li jdallmuna. F'dawn il-festi nagħmlu sew ukoll li nitolbu lil San Ġorġ, il-Protettur smewwi tagħna lkoll, sabiex idawwalna bil-misteru tiegħu u jgħinna bl-interċessjoni tiegħu sabiex infittxu t-tajjeb li jistenna minna l-Mulej. Wara dawn il-festi li jintemmu f'April ta' l-2004, filwaqt li nkomplu nifirħu fit-tifkira għażiża tal-Qaddis Protettur, inkunu nistgħu nidħlu b'entużjażmu akbar għall-ħajja "ta' kuljum" u nkomplu l-mixja li trodd frott dejjem aktar qaddis ta' ħajja Nisranija f'konverżjoni dejjem aktar vera u fl-għaqda dejjem akbar ta' l-imħabba ta' bejnietna.

Intemm dawn il-ħsibijiet billi nistedinkom taħsbu intom ukoll fuqhom fit-tama u ċ-ċertezza li l-futur li għandna quddiemna hu futur sabieħ għalina l-Insara tallum u għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Mela, nifirħu fil-jiem li ġejjin! Inroddu ħajr għall-imħabba li tgħaqqadna fil-Patrun għażiż tagħna! Nersqu dejjem aktar lejn xulxin u nifthu qalbna l-aktar għal dawk li l-aktar jeħtieġu l-ħniena u l-ġenerożità tagħna.

# IĊĊELEBRAJNA L-EWWEL PARTI TAĊ-ĊENTINARJU ĠORĠJAN

**Dun Ġużepp Gauci**

Ma' l-ewwel minuti tas-Sena 2003, il-qniepen tal-Bażilika San Ġorġ Martri tal-Belt Victoria, instemgħu jqoddu b'heġġa u f'ħin mhux tas-soltu, biex iħabbru l-bidu ta' sena mportanti, is-sena li tfakkar is-Sbatax-il Ċentinarju mill-Martirju Glorjuż ta' San Ġorġ, Patrun u Protettur tal-Gżira Għawdxija. Fil-jum ta' l-ewwel tas-sena, fl-omeliji tal-Quddies kollu li sar fil-Bażilika, sar ħsieb ċkejken dwar it-tifsir ta' din il-ġrajja. Imbagħad nhar l-Epifanija, waqt Konċelebrazzjoni Solenni, sar it-Tħabbir Solenni tal-Festi li se jfakkru din id-data glorjuża.

U din id-data waslet: jum it-23 ta' April 2003. Dan il-jum, bħas-soltu jsebbaħ iż-żmien liturġiku ta' l-Għid, anzi kif ippriedka San Pietru Damjan, Duttur tal-Knisja, "hu bħal ġawhra ngastata fid-deheb tal-Għid ta' Kristu". U propju f'Jum il-Għid, l-akbar Solennità tal-Knisja, bid-Dimostrazzjoni ta' Kristu Rxoxt, u bil-Quddiesa Solenni ta' l-okkażjoni, bdiet l-ewwel parti taċ-Ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju Ġorġjan. Ġorġ, wara li ssieħeb ma' Ġesù msallab bil-Martirju tiegħu, issieħeb u għadu jissieħeb ma' Ġesù Rxoxt fir-rebħa tiegħu.

L-għada l-Għid, il-21 ta' April, wara Quddiesa solenni fil-Knisja ta' San Franġisk u marċ mill-Banda "La Stella", sar il-ħruġ ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika u laqgħa għaż-żgħażagħ bit-tema taċ-Ċentinarju *"Ġorġi, Martri ta' Kristu: il-bieraħ, illum u dejjem"*. Din l-okkażjoni wasslet għall-Vġili tas-Solennità ta' San Ġorġ li ġie ċelebrat bl-Ewwel Għasar Solenni fil-Bażilika u, imbagħad b'Velja ta' Talb u Riflessjonijiet dwar il-Qaddis Patrun f'Misraħ San Ġorġ, fejn folla kbira ta' nies, quddiem ix-xbieħat ta' Ġesù Msallab u ta' San Ġorġ, għexet saħra ta' tisbiħ ma' San Ġorġ fil-Lejl tal-Martirju tiegħu. Din il-Velja tkompliet bl-Adorazzjoni Ewkaristika matul il-lejl kollu fil-Bażilika.

It-tbexbix tal-Jum tat-23 ta' April beda jsemmgħalna id-daqq tal-qanpiena li tħabbar iċ-ċelebrazzjoni tas-Sagriċċju tal-Quddiesa li sar matul il-jum





kollu, sakemm fis-7.00pm saret il-Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof Nikol Cauchi, li fiha wassal il-messaġġ tiegħu dwar San Ġorġ. Dan il-jum intemm b'dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ Rebbieħ ta' Vincenzo Cremona (1894). Ta' min jgħid ukoll li dan il-jum ġie mfakkar ukoll b'sett ta' ħames bolli bi xbieħat differenti ta' San Ġorġ.

Il-Festi Ċentinarji komplew bi ġrajja oħra straordinarja, is-Simpozju Internazzjonali dwar l-inkona ta' San Ġorġ u t-tifsira tagħha. Dan is-Simpozju ġie mibdi fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex, fl-24 ta' April fil-għaxija, mill-Arċipriet Mons. G. Farrugia, mill-Isqof t'Għawdex Mons Nikol Cauchi u mill-President ta' Malta, Prof. Guido de Marco. Tkompla, imbagħad fil-jumejn ta' wara, b'kelliema distinti min Universitajiet Internazzjonali, fl-Awla "Mons. G. Farrugia" li għandna fiċ-Ċentru Parrokkjali. Dan is-Simpozju ġie fi tmiemu b'diskors mill-Em. Tiegħu l-Kardinal Javierres Ortas, li ġie minn Ruma biex jippresiedi dawn il-Festi Ċentinarji.

Il-Festi Ċentinarji laħqu l-quċċata tagħhom nhar is-Sibt, 26 ta' April fil-għaxija bit-Translazzjoni tar-Relikwija u l-Għasar Pontifikali, immexxijin mill-Arċisqof ta' Malta Mons Ġużeppi Mercieca. L-Għada fil-għodu, wara Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Kardinal Javerres Ortas, ħarġet il-Puċissjoni Solenni bl-istatwa ta' San Ġorġ, imsieħba mill-Banda "La Stella" li sellmet lill-Qaddis Patrun bl-Innu "A San Giorgio", mużika tas-Surmast Giuseppe Giardini Vella. Il-Purċissjoni tmexxiet mill-Kardinal imsemmi u mad-dħul tagħha fil-Bażilika saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

It-Tnejn 28 ta' April, ġiet iċċelebrata fid-Djoċesi kollha t-Tifkira ta' San Ġorġ Martri billi t-23 ta' April ħabat matul l-Ottava ta' l-Għid. Saru diversi pellegrinaġġi lejn il-Bażilika, sakemm fil-għaxija, b'Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons Arċipriet G. Farrugia, saret il-konkluzjoni ta' l-ewwel parti tal-Festi Ċentinarji. Wara r-Reposizjoni tar-relikwija tal-Qaddis sar id-dħul ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fin-niċċa.

Nittamaw li dawn il-Festi li saru biex ifakkru l-1700 sena mill-Martirju ta' San Ġorġ Martri, kienu preludju xueraq għall-Festi Solenni li se jsiru matul ix-xahar ta' Lulju, li bihom il-Komunità Parrokkjakli tagħna tqim kif jixraq lill-Qaddis Protettur tagħna. ■

## BNIET LI RĊEVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF NHAR IL-ĦADD 11 ta' MEJJU 2003



AZZOPARDI Daniela, BORG Marica, CAUCHI Rebecca, FARRUGIA Doriann, FARRUGIA Patricia, FENECH Casie, FENECH Christine, GRIMA Cristiana, MALLIA Rebecca, MEJLAK Elisa, MERCIECA Chantelle Marie, PISANI Erica Sylvana, PORTELLI Antinette, PORTELLI Jessica, PORTELLI Michelle, SALIBA Maria, SPITERI Elise Ann, TABONE Doreen, XUEREB Glorienne, ZAMMIT Jessica.

## TFAL SUBIEN LI RĊEVEW L-EWWEL TQARBINA NHAR IL-ĦADD 18 ta' MEJJU 2003



ATTARD Daniel, ATTARD Manuel, ATTARD Marlon, ATTARD Isacc, AQULINA Daniel, AZZOPARDI Andre', BORG Eman, BUGEJA Samuel, BUHAGIAR Andrew, BUSUTTIL Anthony, CAMILLERI Anthony John, CARUANA Andrew, CREMONA Mark Anthony, DALLI Luke, DEBRINCAT Andrea, ECKERT Matthias, FALZON Kristin, FARRUGIA Christian, FORMOSA George, GRECH Stefan, MAGRO James, MIZZI Samuel, SCICLUNA Stephan, SPITERI Antonio, XUEREB Daniel, ZAMMIT Fernando.

## SUBIEN LI RĊEVEW IL-GRIŻMA TA' L-ISQOF NHAR IL-ĦADD 11 TA' MEJJU 2003



ATTARD Justin, BRIGNIOLI Jonathan, CACHIA Albert George, CAMILLERI Calvin, CAMILLERI George Joseph, CARUANA Dennis, CARUANA Steven, CASHA Alan, FARRUGIA Andrew, FARRUGIA Jean Paul, FENECH Philip, GALEA Savio, GAUCI Matthew, GRIMA Joseph, PACE Matthew, RAPA Mark Josef, SPITERI Christian, SPITERI Shaun, TABONE Charlon, THEUMA Richard, VELLA Christian Peter Paul, VELLA Emanuel, XERRI Stefan.

## TFAL BNIET LI RĊEVEW L-EWWEL TQARBINA NHAR IL-ĦADD 18 TA' MEJJU 2003



AGUIS Angelica, ATTARD Rachelle, CARUANA Monica, CREMONA Agata Georgine, FARRUGIA Abigail Marie, GALEA Michela, GALEA Nykkie, GRECH Anna, GRECH Cassie, GRECH Rebecca, SCIBERRAS Francesca, VELLA Sarah, XUEREB Charmaine.

# L-40 KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

Bejn il-Ħadd 27 ta' April 2003 u l-Ħadd 4 ta' Mejju 2003 inżamm fil-Parroċċa tagħna l-40 Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Matul dik il-ġimgħa saru diversi attivitajiet fil-parroċċa tagħna, imma l-qofol ta' dan l-avveniment kien nhar il-Ħadd 4 ta' Mejju meta sar Korteo bis-sehem tal-Parroċċi kollha t'Għawdex minn Pjazza San Franġisk sa Pjazza San Ġorġ fejn Mons Isqof Nikol Cauchi ddikkjara miftuħ il-Kungress. Matul l-Korteo u fi Pjazza San Ġorġ ħadet sehem il-Banda La Stella bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Fi Pjazza San Ġorġ iitella' feature miktub minn Mons Salv Borg u saru diskorsi minn Fr. Joe Vassallo, Chaplain Nazzjonali u minn Ġorġ Aguis. Mons Isqof imbagħad ta l-messaġġ tiegħu. Is-Sur Joseph Refalo, President Djoċesan ħabbar li l-41 Kungress ser isir fil-Parroċċa taż-Żebbuġ is-sena li ġejja. Wara purċissjoni bis-SS.mu Sagrament, sar l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u wara ngħatat il-Barka Sagramentali.



*Id-dehra fi Pjazza San Ġorġ waqt il-Kungress*

# Rokna għat-Tfal

Għeżież Tfal,

Kif intom! Nittama li tinsabu tajbin. Ċert li ddevertejtu kemm flaħtu matul il-festi speċjali li għamilna matul April biex infakkru s-17-il mitt sena minn meta l-qaddis Patrun tagħna San Ġorġ sofra l-martirju għall-istqarrija bla biża tal-fidi tiegħu fl-Imgħallem Divin tagħna. Naturalment fadlilna iktar festi sbieħ x'ingawdu matul ix-xhur li ġejjin, iżda qabel jaslu dawn, naħseb li għad trid thabbtu wiċċkom ma' l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Mela agħmlu moħħkom hemm sabiex wara l-jiem tas-sagrifiċċju jfeġġu mbagħad dawk tal-ferħ u l-allegrija.

Nittama li dawk fostkom li għamlu l-eżami tal-Junior Lyceum marru sewwa. Ħafna minnkom ukoll rajthom ferħana u lebsin sbieħ qed tirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Importanti li tifhmu x'irċevejtu. Fis-sider tagħkom issa għandkom ix-xorti li jekk tridu tirċievu kuljum lill-ħabib tagħkom Ġesù. Dawk fostkom li rċevejtu l-Griżma ta' l-Isqof, araw li issa, bis-serjeta' tiddefendu lill Ġesù kulfejn tmorru, għax kif tgħallimna l-Knisja Mqaddsa, bil-Griżma ta' l-Isqof, insiru suldata ta' Kristu. Bħal San Ġorġ, irridu niddefendu lil Ġesù u nkunu xiehda tiegħu quddiem kulħadd.

Issa bdiet tinħass xi ftit is-sħana, iżda b'daqshekk ma jfissirx li nċesu l-armi u ma ngħamlu xejn. Irridu nkomplu nagħmlu d-dmirijiet tagħna fl-iskola, fil-laqgħat tad-Duttrina, tal-Legion, tal-Mużew, ta' l-Azzjoni Kattolika u x'naf jien. Xtaqt ukoll infakkarkom issibu ħin tmorru sal-librerija u tisselfu xi kotba x'taqraw. Tinsewx li l-Erbgħa wara nofs in-nhar il-Librerija ta' Triq Vajringa u dik fi Pjazza San Franġisk jibqgħu miftuħin sa tard wara nofs in-nhar biex tagħmlu użu minnhom. Morru sselfu l-kotba u aqraw għax jiswa likom.

L-istaġun tal-festi jinsab magħna u kif tafu, l-ewwel festa kienet dik ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar. Festa wara oħra, u bil-mod, jekk Alla jrid, tasal tagħna wkoll. Imma għal-lum ser nieqfu hawn u ngħaddu għal ftit mistoqsijiet. Min jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb, jingħata ktieb bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (Fergħa t'Għawdex: 2155 1325). Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex sa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2003.

**Il-Mistoqsijiet huma dawn:**

1. Dan l-aħħar il-Posta f'Malta herġet sett ta' bolli biex tfakkar is-17-il mitt sena mill-mewt ta' San Ġorġ. Kemm kien fih bolli dan is-sett u x'kien il-valur ta' kull bolla?
2. F'liema xahar ta' din is-sena l-Vatikan ħareġ bolla oħra biex tfakkar dan l-istess avveniment?
3. Sib strofa (erba' versi) minn xi poeżija dwar San Ġorġ u ibgħathielna ma' dawn it-tweġibiet.

Inselli għalikom
***Iz-Ziju Peppi***

Ir-Rebbieħ li tellajna bix-xorti tal-Kompetizzjoni tal-ħarġa ta' Marzu-April 2003 huwa Mark Josef Rapa, ta' 'Josef', Triq id-Dawwara, Victoria.

# Palermo - Victoria

Tifkiriet tat-tielet żjara barra minn Malta li l-Banda Ċittadina 'La Stella' kienet għamlet f'Awissu tal-1949, dik ġewwa Palermo - Sqallija, ġew imġedda f'laqgħa li l-Kumitat ta' din is-Soċjetà Filarmonika kellu ma' delegazzjoni tal-Comune ta' Palermo. Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar 2003 fil-Każin tal-Banda 'La Stella' fil-preżenza tal-Kunsill Lokali Victoria, immexxija mis-Sindku s-sur Paul M. Cassar, bħala parti minn programm ta' żjarat kulturali organizzat fl-okkażjoni taċ-ċeremonja tal-ġemellaġġ bejn Palermo u l-belt kapitali Għawdxija.



F'diskors ta' merħba l-President tas-Soċjetà s-sur Dolindo Cassar, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li jilqa' delegazzjoni mill-belt ta' Palermo, li magħha s-Soċjetà għandha rabta speċjali. Huwa fakkar fil-mawra li l-Banda 'La Stella' kienet għamlet f'din il-belt 54 sena ilu, akkumpanjata minn numru sabiħ ta' partitarji, u li matulha esegwiet Programm Mużikali fi Piazza Politeama. Huwa qal li għas-Soċjetà din kienet okkażjoni kbira fl-istorja glorjuża tagħha, b'mod partikolari għal dak iż-żmien meta ebda banda oħra Għawdxija ma kienet għadha ħalliet xtut artna biex toħroġ iddoqq f'art barranija. Is-sur Cassar semma' kif minn dak in-nhar l'hawn is-Soċjetà kompliet tikber, tissaħħaħ u tiddistingwi ruħha bħala s-soċjetà ewlenija ta' gżiritna.

Il-Viċi-Sindku tal-Comune ta' Palermo Prof. Bartolomeo Sammartino, fil-waqt li rringrazzja lis-sur Cassar għall-merħba li hu u l-kollegi shabu ngħataw fil-Każin 'La Stella', tkellem dwar il-ħolqien ta' skambji kulturali li jistgħu jibdew isiru bejn iż-żewġt ibliet bis-saħħa tal-ġemellaġġ. Skambji ta' din ix-xorta jkunu ta' l-akbar benefiċċju għall-għaqdiet u s-soċjetajiet kollha, xejn anqas għas-Soċ. Fil. 'La Stella' li fi ħdanha hu mwaqqaf it-Teatru Astra. Prof. Sammartino awgura li l-Banda terġa' jkollha l-opportunità li żżur il-belt ta' Palermo fejn din id-darba żgur li tingħata merħba aktar akkoljenti kawża tal-ħbiberija, l-għaqda u r-rispett li nibtu bejn iż-żewġt komunitajiet.



*Is-sur Cassar u Prof. Sammartino biddlu rigali flimkien bħala tifkira ta' l-okkażjoni.*

# SYMPOSIUM B'DIFFERENZA

■ Kav. Joe. M. Attard



Il-Kardinal Antonio M. Javierre Ortas fl-aħħar sezzjoni tas-Symposium

Bejn il-Ġimgħa u s-Sibt 25 u 26 ta' April 2003 fis-Sala Mgr. G. Farrugia sar Symposium internazzjonali bis-suġġett "The Icon of St. George and its Mystery". Dan is-Symposium kien maqsum fi tlieta: fl-ewwel parti, "The Formation of the Icon" tkellmu Mons Arċipriet Dr. J. Farrugia, li huwa wkoll lecturer fl-Università ta' Malta u fis-Seminarju t'Għawdex, Bronwen Neil mill-Università Kattolika ta' Brisbane fl-Awstralja, Samantha Riches mill-Università ta' St. Andrews fl-Iskozja u Roberto Fusco mill-Università Sależjana Pontifiċja ta' Ruma.

Matul it-tieni sezzjoni ta' dan is-Symposium intitulata "The Features of the Message", inqraw studji nteressantissimi u ta' livell tassew għoli minn Agostino Conto' mill-Bibblioteca Civika ta' Verona, mill-Ġlżwita Rdward Farrugia, għalliem fl-Istitut Orjentali Pontifiċju ta' Ruma, kif ukoll minn Maria Frendo u Hector Scerri lecturers fl-Università ta' Malta.

Matul l-aħħar sezzjoni ta' dan is-Symposium, li l-Parroċċa tagħna organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Fakulta' tat-Teoloġija ta' l-Universita ta' Malta u taċ-Ċentru t'Għawdex ta' l-istess Università, tkellmu Peter Seracino Inglott, Carlos de Miranda mill-Università ta' Ciombra fil-Portugal, Fabio Attard mill-università Sależjana Pontifiċja ta' Ruma, Dun Ġorġ Frendo għalliem fis-Seminarjku u fl-iskejjel Sekondarji, Patri Ġorġ Aquilina OFM, in-Nutar Paul G. Pisani u l-istoriku u Direttur tal-Klabb Kotba Maltin is-Sur Pawlu Mizzi. Din it-tielet sezzjoni kellha bħala suġġett "The Future of the Mystery".

Dan is-Symposium ġie miftuħ uffiċjalment mill-E.T. il-Prof Guido de Marco, President ta' Malta, bis-sehem ta' l-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u ta' Mons Arċipriet Dr. J. Farrugia, u ngħalaq mill-Emm. Tiegħu l-Kardinal Antonio M. Javierre Ortas, li kien il-mistieden speċjali għall-Festi Ċentinarji li nżammu f'April fl-okkażjoni tas-17-il Ċentinarju mill-Martirju Glorjuż ta' San Ġorġ.

# BOLLI KOMMEMORATTIVI

Fl-okkażjoni tas-17-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ il-Posta ta' Malta u l-Vatikan ħarġu bolli kommemorattivi. Il-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' ħames bolli b'pitturi ta' San Ġorġ u waħda minnhom turi t-titular tal-Bażilika tagħna xogħol ta' Mattia Preti.Engrandiment ta' din il-bolla ġie ppreżentat lill-Arċipriet mill-President ta' Malta fil-ftuħ tas-Syposium nhar il-Ħamis 24 ta' April. Dan is-sett ħareġ nhar it-23 ta' April. Il-bolla kommemorattiva tal-Vatikan ħarġet nhar is-6 ta' Mejju.







## L-eqreb Appuntamenti Ċentinarji Ġorġjani

■ **It-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2003:**
**L-Ewwel Lejla tal-Victoria International Arts Festival - Edizzjoni Ċentinarja.** *Aktar tagħrif jidher fil-programm tal-festival.*

■ **It-Tlieta, 24 ta' Ġunju 2003:**
Ordinazzjoni ta' Geoffrey George Attard għad-Djakonat.

■ **L-Erbgħa, 25 ta' Ġunju 2003:**
Il-Kapitlu flimkien mal-Kleru Ġorġjan, ippresedut mill-E.T. Mons. Isqof u Dekan tal-Kolleġġjata, jiffunzjona fil-Parroċċa Arċipretali ta' Ħal Qormi.

■ **Il-Ħadd, 29 ta' Ġunju 2003:**
Il-Banda 'La Stella' takkumpanja l-Purċissjoni tal-Festa Ċentinarja f'Ħal Qormi.

■ **It-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2003**
L-Ewwel Jum tan-Novena Drammatizzata ta' San Ġorġ għat-Tfal.

■ **Is-Sibt, 5 ta' Lulju 2003:**
Festa t'għeluq il-25 Sena ta' Saċerdozju ta' l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, il-Vigarju Parrokkjali Kan. Felix Tabone u l-Kan. Onor. Giovanni B. Cremona, Rettur tal-Knisja tax-Xlendi.

■ **Il-Ħadd, 6 ta' Lulju 2003**
Liturġija Etjopika f'ġieħ San Ġorġ mill-Arċisqof ta' Addis Abeba.

■ **Il-Ħamis, 10 ta' Luju 2003**
L-Aħħar Ħamis ta' San Ġorġ u Ħruġ ta' l-Istatwa min-Niċċa.



A&M Printing Ltd. - 2155 3217